MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 1100/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**JAMES BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

James Borg ta’ 18- il sena, iben Louis u Maria Elena nee’ Grech, mwieled 6 ta’ Jannar 1991 Pieta’, residenti 69, Sardonyx, Triq il- Bir ir- Riebu, Rabat (Malta) u detentur tal- Karta tal- Identita bin- numru 19291(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 26 ta' April 2009, ghal habta tas- 12.50am, minn gewwa l- Axis li jinsab Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone tal- marka Samsung J 700, €10 fi flus kontanti, set cwievet tad- dar u xi dokumenti personali ghad- dannu ta' Stephanie Bonnici, liema serq huwa kkwalifikat bil- hin;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi r-res furtive giet ritornata kollha mill-imputat qabel ma nbdew dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qeghedha ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tista' tghaddi biex taghti s-sentenza taghha minnufih. Kwantu ghall-piena, in vista tal-eta' tenera tal-imputat, tal-fedina penali netta tieghu, u tal-kooperazzjoni mal-pulizija, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------